IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2019
COM(2019) 184 final

2019/0094 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana b'rabta mal-applikazzjoni tar-Renju Unit biex jissieħeb f'dik il-Konvenzjoni**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-korp stabbilit bil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni tan-NASCO") b'rabta mas-sħubija tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Renju Unit") f'dik il-Konvenzjoni.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'hekk ir-Renju Unit se jsir pajjiż terz u l-liġijiet tal-Unjoni mhux se jibqgħu japplikaw għalih jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, fit-13 ta' April 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew ma jiddeċidix b'mod unanimu fuq data iktar tard bi ftehim mar-Renju Unit.

Sal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa' Stat Membru li jgawdi d-drittijiet kollha u li huwa marbut bl-obbligi kollha tat-Trattati, fosthom bil-konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali. Fil-Linji gwida tiegħu tad-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-ħtieġa, fil-kuntest internazzjonali, li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tar-Renju Unit bħala Stat Membru li ħiereġ, sakemm dan iħares l-obbligi tiegħu u jibqa' leali lejn l-interessi tal-Unjoni waqt li jkun għadu Stat Membru.

L-Unjoni u r-Renju Unit innegozjaw Ftehim dwar il-Ħruġ skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li ġie approvat mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Novembru 2018 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar il-Ħruġ"). Fil-livell tal-Unjoni għaddejjin il-proċeduri interni għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim[1]. Ir-Raba' Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li matulu l-liġijiet tal-Unjoni, fosthom il-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, se jkomplu japplikaw għar-Renju Unit u fih (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "perjodu ta' tranżizzjoni"). L-Unjoni se tgħarraf lis-sħab internazzjonali tagħha bl-arranġamenti speċifiċi previsti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ li permezz tagħhom, matul perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se jiġi ttrattat bħala Stat Membru għall-finijiet tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, fosthom il-Konvenzjoni tan-NASCO.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2018 imsejħa "Tħejjija għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2019: Pjan ta' Azzjoni ta' Kontinġenza" tiddeskrivi l-miżuri ta' kontinġenza li hija beħsiebha tieħu f'każ li ma jidħol fis-seħħ l-ebda ftehim dwar il-ħruġ fid-data tal-ħruġ. F'dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni elenkat l-azzjonijiet li hija qieset li huma meħtieġa, filwaqt li fakkret li jistgħu jkunu meħtieġa azzjonijiet oħrajn fi stadju aktar tard.

Fit-13 ta' Diċembru 2018 u fil-21 ta' Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew tenna s-sejħa tiegħu (abbażi tal-Artikolu 50) sabiex tiżdied il-ħidma għat-tħejjija u għall-kontinġenza fil-livelli kollha b'rabta mal-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit, filwaqt li jitqiesu l-eżiti kollha possibbli.

---

[1] Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/274 tal-11 ta' Jannar 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 47 I, 19.2.2019, p. 1).

Bħalissa l-Konvenzjoni tan-NASCO tapplika għar-Renju Unit minħabba l-fatt li l-Unjoni hija Parti Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni. Dan mhux se jibqa' l-każ dakinhar li r-Renju Unit ma jibqax kopert mill-Konvenzjoni tan-NASCO bħala Stat Membru tal-Unjoni.

L-objettiv ewlieni tal-Konvenzjoni tan-NASCO huwa "li tikkontribwixxi permezz ta' konsultazzjonijiet u kooperazzjoni għall-konservazzjoni, ir-restorazzjoni, it-titjib u l-maniġġjar razzjonali tal-ħażniet tas-salamun [...], billi titqies l-aħjar xhieda xjentifika disponibbli għaliha". Il-Konvenzjoni tan-NASCO daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 1983. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa d-Depożitarju tal-Konvenzjoni tan-NASCO.

### 2.1. L-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana

L-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana (in-NASCO) hija organizzazzjoni internazzjonali stabbilita permezz tal-Konvenzjoni tan-NASCO. Hija ġiet stabbilita billi tqiesu b'mod dirett id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-istokkijiet tal-ħut anadromu stabbiliti fl-Artikolu 66 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-UNCLOS").

Il-Konvenzjoni tapplika għall-istokkijiet tas-salamun salvaġġ li, tul il-firxa migratorja kollha tiegħu, ipassi lil hinn miż-żoni li fihom is-sajd jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-istati kostali tal-Oċean Atlantiku li jinsabu fit-Tramuntana tal-latitudni 36° N.

Għalhekk in-NASCO hija responsabbli għar-regolazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd għas-salamun salvaġġ fil-baħar fl-Atlantiku tat-Tramuntana kollu. Hija tittratta wkoll kwistjonijiet rilevanti oħrajn marbutin mal-konservazzjoni tal-istokkijiet tas-salamun salvaġġ. F'kuntest usa', in-NASCO tqis ukoll miżuri xierqa oħrajn għall-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Partijiet Kontraenti sabiex tiżgura s-sopravivenza tas-salamun salvaġġ tal-Atlantiku.

In-NASCO għandha personalità ġuridika u, fir-relazzjonijiet tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn u fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti, tgawdi mill-kapaċità ġuridika li jista' jkollha bżonn biex twettaq dmirijietha u biex tikseb l-għanijiet tagħha.

### 2.2. In-NASCO

In-NASCO hija magħmula minn Kunsill, minn tliet Kummissjonijiet reġjonali (il-Kummissjoni għall-Amerka tat-Tramuntana, il-Kummissjoni għall-Atlantiku tal-Grigal u l-Kummissjoni għal Greenland tal-Punent) u minn Segretarjat. Fil-Kunsill hemm rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti kollha tal-Konvenzjoni, jiġifieri rappreżentanti mill-Kanada, mid-Danimarka (għall-Gżejjer Faeroe u għal Greenland), mill-Unjoni Ewropea, min-Norveġja, mill-Federazzjoni Russa u mill-Istati Uniti tal-Amerka. Franza tieħu sehem fil-laqgħat tan-NASCO bħala osservatur (għal Saint Pierre u Miquelon).

L-Unjoni Ewropea hija Parti tal-Konvenzjoni tan-NASCO[2] minħabba li din tittratta suġġett li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd, li tidħol fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NASCO skont il-liġijiet tal-Unjoni.

L-Unjoni Ewropea hija membru sħiħ tal-Kummissjoni għall-Atlantiku tal-Grigal u tal-Kummissjoni għal Greenland tal-Punent. Fil-Kummissjoni għall-Amerka tat-Tramuntana, l-Unjoni Ewropea għandha d-dritt tagħmel proposti għal miżuri regolatorji dwar l-istokkijiet tas-salamun salvaġġ li joriġinaw fit-territorji tagħha u tivvota dwarhom. Għal dan il-għan, l-

---

2 *ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24.*

Unjoni titqies li hija membru ta' din il-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-analiżi tat-tali proposti.

### 2.3. L-att previst tan-NASCO

Fil-Konvenzjoni tan-NASCO jista' jissieħeb kull Stat li għandu ġuriżdizzjoni fuq is-sajd fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana jew li minnu joriġinaw l-istokkijiet tas-salamun, dejjem jekk il-Kunsill tan-NASCO japprova dan.

Fl-ittra tiegħu tat-28 ta' Frar 2019, ir-Renju Unit bagħat applikazzjoni lill-President tal-Kunsill tan-NASCO li fiha talbu japprova s-sħubija tiegħu fil-Konvenzjoni tan-NASCO. Fil-11 ta' Marzu 2019, is-Segretarjat tan-NASCO għarraf lill-Partijiet kollha tal-Konvenzjoni b'dan, fosthom lill-Kummissjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni tan-NASCO, hemm bżonn tal-approvazzjoni tal-Kunsill tan-NASCO minn qabel biex is-sħubija tar-Renju Unit titqies li hija valida.

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill tan-NASCO jridu jittieħdu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-voti tal-membri li jkunu preżenti u li jkunu vvutaw favur jew kontra l-kwistjoni. Ma tista' ssir l-ebda votazzjoni jekk ma jkunux preżenti żewġ terzi tal-membri tal-Kunsill.

Wara dan, l-istrumenti tal-approvazzjoni jew tas-sħubija jridu jiġu ddepożitati għand id-Depożitarju. Għal kull Parti li tissieħeb fil-Konvenzjoni tan-NASCO wara li tiddepożita l-istrumenti meħtieġa tar-ratifika, tal-approvazzjoni jew tas-sħubija, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-depożitu tal-istrument tas-sħubija.

Ir-Renju Unit iċċara li huwa bagħat l-applikazzjoni tiegħu bħala parti minn pjan ta' kontinġenza f'każ li ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ. Fl-applikazzjoni tiegħu, ir-Renju Unit speċifika li "[f]'każ li jiġi ffirmat, irratifikat u approvat il-Ftehim dwar il-ħruġ, […] ir-Renju Unit mhux se jiddepożita l-Istrument tal-Adeżjoni tiegħu biex jissieħeb fin-NASCO bħala pajjiż għal rasu mid-data tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea".

## 3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tippermetti lill-Kummissjoni tapprova s-sħubija tar-Renju Unit fil-Konvenzjoni tan-NASCO f'isem l-Unjoni, filwaqt li tqis il-kundizzjoni li ġejja: minħabba l-inċertezza li hawn bħalissa b'rabta mad-data u mat-termini tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-approvazzjoni tal-Unjoni għandha tintbagħat lin-NASCO biss meta l-liġijiet tal-Unjoni ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit.

Objettiv ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] huwa "*li jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd huma ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli u jiġu ġestiti b'mod konsistenti mal-għanijiet tal-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u tar-restawr u s-sostenn ta' stokkijiet tal-ħut f'livelli ogħla minn dawk li jistgħu jipproduċu rendiment sostenibbli massimu u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel*".

Huwa fl-interess tal-Unjoni li r-Renju Unit jikkoopera fil-ġestjoni tal-istokkijiet tas-salamun b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-UNCLOS") u tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti tal-4 ta' Awwissu 1995 fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory) (minn hawn 'il

3 *ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.*

quddiem imsejjaħ "l-UNFSA"), jew ta' kull ftehim internazzjonali ieħor jew kull standard ieħor tad-dritt internazzjonali.

Skont l-Artikolu 66 tal-UNCLOS, l-Istati li fix-xmajjar tagħhom joriġinaw l-istokkijiet anadromi għandhom l-interess primarju fit-tali stokkijiet u r-responsabbiltà primarja għalihom. L-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi jrid jiżgura l-konservazzjoni tagħhom billi jistabbilixxi miżuri regolatorji xierqa għas-sajd fl-ilmijiet kollha li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva tiegħu. F'każ li l-istokkijiet anadromi jpassu lejn ilmijiet li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva ta' Stat li ma jkunx l-Istat tal-oriġini tagħhom, jew li dawn ipassu minn dawk l-ilmijiet, it-tali Stat irid jikkoopera mal-Istat tal-oriġini b'rabta mal-konservazzjoni u mal-ġestjoni tat-tali stokkijiet.

L-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi u l-Istati l-oħrajn li jistadu għal dawn l-istokkijiet iridu jagħmlu arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 66 tal-UNCLOS. It-tali kooperazzjoni tista' tiġi stabbilita fil-qafas tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd.

Bħala Stat tal-oriġini u Stat li għandu ġuriżdizzjoni fuq is-sajd, ir-Renju Unit għandu interessi leġittimi fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NASCO safejn l-ilmijiet li jaqgħu taħt iż-żona ekonomika esklussiva tiegħu u l-ibħra internazzjonali li jmissu magħhom jaqgħu taħt iż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NASCO.

Is-sħubija tar-Renju Unit fil-Konvenzjoni tan-NASCO se tippermetti lil dan il-pajjiż jikkoopera b'rabta mal-miżuri meħtieġa ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni tas-salamun, filwaqt li jitqiesu kif dovut id-drittijiet, l-interessi u d-dmirijiet ta' pajjiżi oħrajn u tal-Unjoni Ewropea, u se tippermettilu jiżgura li l-attivitajiet tas-sajd jitwettqu b'mod li ma jwassalx biex l-istokk jew l-istokkijiet jiġu sfruttati b'mod mhux sostenibbli.

Fid-dawl tal-interessi leġittimi li r-Renju Unit għandu b'rabta mas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NASCO, tal-obbligu li dan il-pajjiż għandu li jikkoopera b'rabta mal-ġestjoni meħtieġa tas-sajd u tal-ħtieġa li jiġi żgurat il-karattru vinkolanti tad-deċiżjonijiet tan-NASCO malli r-Renju Unit jissieħeb fiha, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-applikazzjoni tar-Renju Unit tiġi aċċettata.

Qed jiġi propost li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tgħarraf lill-President tal-Kunsill tan-NASCO bil-pożizzjoni tal-Unjoni favur is-sħubija tar-Renju Unit minn meta l-liġijiet tal-Unjoni ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u li din tivvota b'dan il-mod fil-laqgħa Kunsill tan-NASCO li matulha tkun se tittieħed id-deċiżjoni dwar is-sħubija tar-Renju Unit.

F'każ li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni skont it-termini tal-Ftehim dwar il-ħruġ u l-perjodu ta' tranżizzjoni marbut miegħu, malli jiġi ffirmat il-Ftehim dwar il-Ħruġ, l-Unjoni se tgħarraf lis-sħab internazzjonali tagħha, fosthom lill-Partijiet l-oħrajn tal-Konvenzjoni tan-NASCO, li matul dan il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit għandu jiġi ttrattat bħala Stat Membru għall-finijiet tal-ftehimiet internazzjonali li hija Parti tagħhom.

## 4. Bażi ġuridika

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali. Huwa jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[4].

*4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Fil-Konvenzjoni tan-NASCO jista' jissieħeb kull Stat li għandu ġuriżdizzjoni fuq is-sajd fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana jew li minnu joriġinaw l-istokkijiet tas-salamun, dejjem jekk il-Kunsill tan-NASCO japprova dan.

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill tan-NASCO jridu jittieħdu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-voti tal-membri li jkunu preżenti u li jkunu vvutaw favur jew kontra l-kwistjoni. Ma tista' ssir l-ebda votazzjoni jekk ma jkunux preżenti żewġ terzi tal-membri tal-Kunsill tan-NASCO.

Is-sħubija sseħħ billi jiġi ddepożitat strument tas-sħubija għand id-Depożitarju u tidħol fis-seħħ fid-data meta jasal dan l-istrument.

Id-Depożitarju jgħarraf lill-Firmatarji kollha u lill-Partijiet kollha li jkunu se jissieħbu bl-istrumenti tal-approvazzjoni jew tas-sħubija li jkunu ġew iddepożitati u jgħarrafhom bid-data u bil-Partijiet li għalihom tkun se tidħol fis-seħħ din il-Konvenzjoni.

Ladarba tidħol fis-seħħ is-sħubija tar-Renju Unit, din tkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali skont l-Artikolu 17(3) tal-Konvenzjoni tan-NASCO u tkun tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni tan-NASCO. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

*4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi b'mod ewlieni fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tkun qed tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu diversi għanijiet jew diversi komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-oħrajn ikunu biss inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

*4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-politika komuni tas-sajd.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43 tat-TFUE.

## 4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

[4] Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja *vs* Il-Kunsill (ECLI:EU:C:2014:2258).

2019/0094 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana b'rabta mal-applikazzjoni tar-Renju Unit biex jissieħeb f'dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana[5] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni tan-NASCO") ġiet approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE[6] u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 1983.

(2) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit bagħat in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' Ftehim dwar il-Ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, fit-13 ta' April 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew ma jiddeċidix b'mod unanimu li jtawwal dak il-perjodu bi ftehim mar-Renju Unit.

(3) Sal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa' Stat Membru li jgawdi d-drittijiet kollha u li huwa marbut bl-obbligi kollha tat-Trattati, fosthom bil-konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali.

(4) Fil-linji gwida tad-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-ħtieġa, fil-kuntest internazzjonali, li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tar-Renju Unit bħala Stat Membru li ħiereġ, sakemm dan iħares l-obbligi tiegħu u jibqa' leali lejn l-interessi tal-Unjoni waqt li jkun għadu Stat Membru.

(5) Il-Ftehim dwar il-Ħruġ fih arranġamenti għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih tul perjodu wara d-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għal dan il-pajjiż (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "perjodu ta' tranżizzjoni"). Jekk dak il-Ftehim jidħol fis-seħħ, il-liġijiet tal-Unjoni, fosthom il-ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija Parti tagħhom, se jkomplu japplikaw għar-Renju Unit u fih matul il-perjodu ta' tranżizzjoni skont dak il-Ftehim u se jieqfu japplikaw għalih fi tmiem dak il-perjodu.

[5] ĠU L 378, 31.12.1982, p. 25.

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE tat-13 ta' Diċembru 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24).

(6) Bħalissa l-Konvenzjoni tan-NASCO tapplika għar-Renju Unit minħabba l-fatt li l-Unjoni hija Parti Kontraenti ta' dik il-Konvenzjoni.

(7) Skont l-Artikolu 17(3) tal-Konvenzjoni tan-NASCO, fiha jista' jissieħeb kull Stat li għandu ġuriżdizzjoni fuq is-sajd fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana jew li minnu joriġinaw l-istokkijiet tas-salamun, dejjem jekk il-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana stabbilit b'dik il-Konvenzjoni japprova dan.

(8) Fit-28 ta' Frar 2019, ir-Renju Unit bagħat applikazzjoni biex jissieħeb fil-Konvenzjoni tan-NASCO bħala Parti Kontraenti fid-dawl tal-possibbiltà li ma jkunx hemm Ftehim dwar il-Ħruġ sad-data meta t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għalih.

(9) Skont l-Artikolu 66 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-UNCLOS")[7], l-Istati li fix-xmajjar tagħhom joriġinaw l-istokkijiet anadromi għandhom l-interess primarju fit-tali stokkijiet u r-responsabbiltà primarja għalihom. L-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi jrid jiżgura l-konservazzjoni tagħhom billi jistabbilixxi miżuri regolatorji xierqa għas-sajd fl-ilmijiet kollha li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva tiegħu. F'każ li l-istokkijiet anadromi jpassu lejn ilmijiet li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva ta' Stat li ma jkunx l-Istat tal-oriġini tagħhom, jew li dawn ipassu minn dawk l-ilmijiet, it-tali Stat irid jikkoopera mal-Istat tal-oriġini b'rabta mal-konservazzjoni u mal-ġestjoni tat-tali stokkijiet.

(10) Sabiex jiġi evitat is-sajd mhux sostenibbli, huwa fl-interess tal-Unjoni li r-Renju Unit jikkoopera fil-ġestjoni tal-istokkijiet tas-salamun b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti tal-4 ta' Awwissu 1995 fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna [8] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-UNFSA"), jew ta' kull ftehim internazzjonali ieħor jew kull standard ieħor tad-dritt internazzjonali.

(11) Hekk kif previst fl-Artikolu 66 tal-UNCLOS, l-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi u l-Istati l-oħrajn li jistadu għal dawn l-istokkijiet iridu jagħmlu arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu. It-tali kooperazzjoni tista' tiġi stabbilita fil-qafas tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd.

(12) Is-sħubija tar-Renju Unit fil-Konvenzjoni tan-NASCO se tippermetti lil dan il-pajjiż jikkoopera b'rabta mal-miżuri meħtieġa ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni, filwaqt li jitqiesu kif dovut id-drittijiet, l-interessi u d-dmirijiet ta' pajjiżi oħrajn u tal-Unjoni, u se tippermettilu jiżgura li l-attivitajiet tas-sajd jitwettqu b'mod li jwassal biex l-istokkijiet tas-salamun ikkonċernati jiġu sfruttati b'mod sostenibbli.

(13) Għalhekk, huwa fl-interess tal-Unjoni li tapprova l-applikazzjoni tar-Renju Unit biex jissieħeb fil-Konvenzjoni tan-NASCO minn meta l-liġijiet tal-Unjoni ma jibqgħux japplikaw għalih,

[7] ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3.
[8] ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana stabbilit bil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana għandha tkun li din tapprova l-applikazzjoni tar-Renju Unit biex jissieħeb f'dik il-Konvenzjoni dejjem jekk din l-approvazzjoni tidħol fis-seħħ minn meta l-liġijiet tal-Unjoni ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*